MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2003

Avvi$Z Numru. 643/2001/1

**Avviz Nru 643/01 DM**

**Citadel Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha Malta Maritime Authority sija bil-polza u sija bil-ligi**

**vs**

**Carmel Magri**

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenut ghal hlas ta' somma ta' tlett mija u tnax-il lira u disgha u ghoxrin centezmu (Lm312.29) jew ammont iehor verjuri li jigi likwidat mill-Qorti, jekk hemm bzonn anke permezz ta' periti nominandi rappresentanti danni sofferti minnha fl-incident awtomobilistiku tal-20 ta' Frar 1998 fi Triq ir-Repubblika kantuniera ma' Triq San Nicola, Valletta bejn il-vettura numru CAG 114 misjuqa minnhu u l-vettura numru LAA 943 misjuqa minn Carmel Chircop u proprjeta

tal-assikurat Malta Maritime Authority, prevja d-dikjarazzjoni, jekk hemm bzonn, li l-imsemmi incident gara b’tort unikament tieghu minhabba traskuragini, imperizja u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

Bl-imghax u bl-ispejjez inkluzi Lm3 tar-Road Accident Report, Lm6 tal-Konsult u tal-ittra ufficjali tal-10 ta’ Dicembru 1999 u tal-ittra ufficjali presentata kontestwalment kontra s-socjeta assikuratrici tal-konvenut kontra l-istess konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Carmel Magri fejn eccipixxa illi:-

1 L-eccipjent jecepixxi illi nhar l-20 ta’ Frar 1998 ma sehh l-ebda incident awtomobilistiku bejn il-vettura targata CAG-114 misjuqa minnu u l-vettura targata LAA-943;
2 L-eccipjent ma ikkaguna l-ebda danni lill-vettura targata LAA-943;
3 Se mai u fl-aghar ipotesi u dejjem minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, l-eccipjent m’huwa bla ebda mod risponsabbli ghall-imsemmi incident awtomobilistiku;
4 Salv eccezzjonijiet ulterjuri hekk kif permessi mill-ligi.

Rat il-verbal tas-26 ta’ Gunju 2002 fejn il-konvenut jiddikjara li mhux qed jikkontesta l-quantum tad-danni izda biss ir-responsabbilta’.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Din il-kawza tirrigwarda kollizzjoni bejn il-vettura LAA 943 misjuqa mill-avvukat Dr Carmel Chircop u l-vettura CAG 114 misjuqa mill-konvenut, u l-kollizzjoni grat fl-inkrocju maghmul minn triq principali Republic Street, u triq laterali, St Nicholas Street, fil-Belt, Valletta.

Kien il-konvenut illi kien hiereg minn triq laterali biex jaqsam it-triq principali u ghalhekk id-dritta kienet ta’ Dr Carmel Chircop is-sewwieq tal-vettura assikurata mall-kumpanija attrici.

Izda l-kontestazzjoni tal-konvenut li jidher illi ghamel manuvra xi ftit azzardata meta qasam it-triq principali minghajr ‘a proper look out’, hija ibbazat esklusivament fuq il-fatt illi ghalkemm bil-manuvra tieghu il-konvenut seta’ facilment ikkawza skontru bejn il-vetturi, dan l-iskontru effettivament ma sehhx.

Il-konvenut issostni illi, ghalkemm ra l-vettura ta’ Dr Carmel Chircop tavvicinah fil-vicin ferm, huwa jikkontendi illi lahaq qasam u kuntatt bejn il-vetturi ma kienx hemm. In sostenn ta’ din l-allegazzjoni huwa jghamel enfasi fuq il-fatt illi fil-vettura tieghu, almenu fuq dik in-naha li setghet tkun implikata fl-iskontru, ma kien hemm ebda sinjal ta’ kuntatt.

Min-naha l-ohra pero’ jirrizultaw indizji illi jindikaw mod iehor.

Kif digia’ ntqal il-manuvra tal-konvenut kienet digia’ azzardata u anke mill-isketch a fol 20 (tal-process) jidher illi l-post fejn giet indikata li waqfet il-vettura assikurata, jindika iktar probabilita’ ta’ skontru milli ta’ kwazi skontru.

Il-konvenut ma jinnegax illi fuq il-bumper ta’ quddiem tal-vettura assikurata kien hemm sinjali ta’ skontru, kif anke ikkonfermat l-ufficjal li nvestigat l-kaz.

Inoltre l-agir tal-konvenut ezatt wara l-incident huwa indikattiv ta’ wiehed implikat fi skontru ghalkemm xi ftit hafif.

Infatti ma tirrizulta ebda raguni ghaliex huwa wara li qasam it-triq principali kellu jhares fil-mera u b'hekk jinduna illi kien hemm is-sewwieq l-iehor mixi warajh ixxejjirlu. Lanqas ma hu verosimili illi l-konvenut, wara illi skopra li persuna ohra qed ixxejjirlu jikkonkludi illi kellu jieqaf ghaliex forsi jkun waqalhu l-'hub cap' tal-plastic.

Anke l-fatt illi l-istess konvenut ikkontempla li setgha waqalu 'hub cap' tal- plastic, huwa indikattiv illi accetta illi f'dak il-mument setgha grat xi haga illi pprovokat li jinqala' l-'hub cap' f'dak il-post u mhux f'post iehor minn fejn kien provenjenti.

Izda huwa relevanti wkoll il-fatt illi Dr Carmel Chircop bil-gurament jallega illi l-hsara li kellu fil-bumper tal-vettura li kien qieghed isuq ma kienx hemm qabel l-incident in kwistjoni, infatti issostni u f'dan ma giex ikkontestat il-konvenut, illi wara dan l-incident il-bumper tal-vettura tieghu inqala' kif ukoll inqala' n-numru tar-registrazzjoni u kien ghalhekk cert illi l-vettura tieghu ma kienetx fl-istess stat qabel ma ltaqa mal-konvenut.

Ghal dawn il-motivi ssib illi hija iktar attendibbli l-versjoni moghtija mill-atturi u tikkonkludi ghalhekk illi l-konvenut huwa unikament responsabbli ghall-kollizjoni in kwistjoni.

Billi l-konvenut mhux qed jikkontesta l-quantum tad-danni mitlub mill-atturi fis-somma ta' tlett mija u tnax-il lira u disgha u ghoxrin centezmu (Lm312.29), il-Qorti qieghdha tilqa t-talba attrici u ghar-ragunijiet indikati fl-avviz tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-istess atturi s-somma mitluba ta' tlett mija u tnax-il lira u disgha u ghoxrin centezmu (Lm312.29), bl-imghax legali b'effett mis-27 ta' Gunju 2001;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------